MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1582/2004

**Mary Galea**

**vs**

**Natasha Mizzi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Awissu 2004 fejn gie mitlub li l- konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' mija u sittax il-lira Maltin (Lm116.00) rapprezentanti arretrati ta' tuition fees ghal wild il-konvenuta fil-Victoria Nursery School, Triq A. Darell, San Pawl tat-Targa, propjeta' tal-attrici, u kontijiet ta' *school transport*.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma mija u sittax il-lira Maltin (Lm116.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------